MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Numru 352/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. M'Stella Attard)**
**vs**
**Vincent Apap**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Vincent Apap** ta' 58 sena, bin Joseph u Josephine *nee'* Cassar, imwieled Marsaskala fis-26 t' April, 1956, residenti 18, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbuga, u detentur tal-karta tal-identita' numru 292756M;

Talli bejn id-9 ta' Gunju, 2000 u t-23 t'Awissu, 2001, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu xi uzu jew il-konsum illegittimu

tal-kurrent elettriku tal-kwantita mehuda jew kkonsmata kkommetta serq tad-dawl tal-elettriku fl-ammont ta' Lm119.28.00 mill-fond 18, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbuga, bhala detentur ta' dan il-fond jew bhala persuna li kellek f'idejk l-imsemmi fond fejn instabu dawn il-mezzi  qarrieqa kkommettejt serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa aggravat bl-ammont, bil-mezz u bil-hin.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamilt hsara fil-gumni jew fil-mekkanarju tal-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent tal-elettriku, u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghall-valur ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin)

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba illi barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi:

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fis-sejbien ta' toqba mizduda fil-genb tal-ghata tal-meter de quo u li meta infetah il-meter instab tixwit u brix fuq id-diska li tirregistra l-konsum.

L-imputat innega li kien responsabbli jew konsapevoli ta' din it-toqba u ddikjara li hu qatt ma ghamel dak allegat mill-prosekuzzjoni aktar u aktar ghaliex anke biex jibdel bozza irid jitfi l-main tad-dawl;

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna (ara b'mod partikolari l-Pulizija vs Raymond Abela deciza fis-16 ta' Lulju 1990 mill-Qorti tal-Appell Kriminali), l-presunzjoni legali konenuta fl-artikolu 264 wahedha mhix bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tkun pruvat il-kaz taghha. Dan ghaliex jekk ma jinsab xejn aktar sinistru mit-toqba, li f'dan il-kaz kienet mizduda, minghajr ma jkun hemm il-presenza tal-oggett li bih seta jitwaqqaf li meter, allura l-presunzjoni mhix aktar effettiva. U f'dan il-kaz l-imputat xehed ukoll illi meta xtara l-fond kien ghad hemm in-nies joqghdu fih.

Ghalhekk dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------